# L-Edukazzjoni Formali Ta’ Qabel il-Primarja, Primarja u Sekondarja: 2022-2023

NR199/2024        Data tal-Ħruġ: 24 ta’ Ottubru 2024

*Fis-sena akkademika 2022-2023, l-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni ta’ qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja kienu jgħoddu mad-59,491 – żieda ta’ 1.9 fil-mija fuq is-sena akkademika ta’ qabel.*



Il-maġġoranza tal-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni ta’ qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja kienu subien (51.9 fil-mija). Matul is-sena akkademika 2022-2023, 45.8 fil-mija tal-istudenti rreġistrati kellhom bejn 5 u 10 snin, filwaqt li 37.6 fil-mija tal-istudenti kellhom bejn 11 u 15-il sena (Tabella nru 1; Ċarts nri 1 u 2).

## Ċart nru 1. L-għadd ta’ studenti[1] rreġistrati fl-edukazzjoni formali ta’ qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja, bis-sena akkademika u s-sess




[1] Tinkludi studenti li jattendu l-edukazzjoni ta’ qabel il-primarja (eskluża ċ-Childcare), tal-primarja u tas-sekondarja biss.

## Ċart nru 2. It-taqsim perċentwali tal-istudenti[1] rreġistrati fl-edukazzjoni formali ta’ qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja, bis-sess u grupp tal-età

sena akkademika 2022-2023




[1] Tinkludi studenti li jattendu l-edukazzjoni ta’ qabel il-primarja (eskluża ċ-Childcare), tal-primarja u tas-sekondarja biss.

Nota: Il-persentaġġi jista’ jkun ma jgħoddux għal mija fil-mija minħabba l-arrotondament.

L-istituzzjonijiet immexxija mill-Istat irrappreżentaw 59.4 fil-mija tar-reġistrazzjonijiet kollha. Dawn kienu segwiti mill-iskejjel tal-knisja b’26.9 fil-mija, filwaqt li studenti rreġistrati fi skejjel indipendenti ammontaw għal 13.7 fil-mija tar-reġistrazzjonijiet kollha f’dawn il-livelli (Tabella nru 3; Ċart nru 3).

Matul is-sena skolastika 2022-2023, l-għadd sħiħ ta’ studenti rreġistrati fl-edukazzjoni obbligatorja kien ta’ 49,916. Minn dawn, 54.8 fil-mija attendew l-iskola primarja, filwaqt li l-45.2 fil-mija l-oħra attendew l-iskola sekondarja. Meta mqabblin mas-sena akkademika ta’ qabel, l-istudenti żdiedu b’1.1 fil-mija u 2.7 fil-mija fl-iskejjel primarji u sekondarji, rispettivament (Tabella nru 3). Id-daqs medju tal-klassi għall-iskejjel kollha fil-livell primarju kien ta’ 18.6-il student għal kull klassi, u 19.2-il student għal kull klassi fil-livell sekondarju. Meta ġie analizzat id-daqs tal-klassi skont it-tip ta’ skola, fl-iskejjel tal-Istat dehru l-inqas daqsijiet tal-klassi kemm fil-livell primarju kif ukoll f’dak sekondarju, filwaqt li l-iskejjel tal-knisja kellhom l-ogħla daqsijiet medji tal-klassi fiż-żewġ livelli (Tabella nru 4).

## Ċart nru 3. L-għadd sħiħ ta’ studenti rreġistrati fl-edukazzjoni obbligatorja, bit-tip ta’ skola u livell ta’ klassi

sena akkademika 2022-2023




Fl-2022-2023, id-distrett li jilqa’ fih l-akbar għadd ta’ livelli ta’ skejjel kien id-Distrett tat-Tramuntana tal-Port (34.0 fil-mija), segwit mid-Distrett tan-Nofsinhar tal-Port (18.9 fil-mija) (Tabella nru 5). Sadattant, il-maġġoranza tal-istudenti attendew skejjel li jinsabu fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port (37.7 fil-mija), segwiti mid-Distrett tan-Nofsinhar tal-Port (16.6 fil-mija). B’7.1 fil-mija tal-istudenti, id-distrett ta’ Għawdex u Kemmuna kellu fih l-iżgħar persentaġġ ta’ studenti mill-għadd kollu (Tabella nru 6; Mappa nru 1). Id-Distrett tat-Tramuntana tal-Port kellu joqogħdu fih aktar minn kwart tal-istudenti (26.8 fil-mija), filwaqt li 19.4 fil-mija tal-istudenti kienu joqogħdu fid-Distrett tat-Tramuntana (Tabella nru 7, Mappa Nru 2). Aktar minn żewġ terzi tal-istudenti attendew skejjel li qegħdin fid-distrett ta’ fejn joqogħdu (68.9 fil-mija). Bil-maqlub ta’ dawn, 31.1 fil-mija tal-istudenti marru għall-iskola f’distrett ieħor (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni formali ta’ qabel il-primarja, tal-primarja u tas-sekondarja, biċ-ċaqliq distrettwali għal għanijiet edukattivi

sena akkademika 2022-2023




Matul l-2022-2023, l-għadd ta’ studenti mhux Maltin irreġistrati fl-edukazzjoni ta’ minn qabel il-primarja sas-sekondarja żdied bi 15.6 fil-mija meta mqabbel mas-sena akkademika ta’ qabel. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti mhux Maltin attendew istituzzjonijiet immexxija mill-Istat jew privati. Wieħed minn kull erba’ studenti li kienu rreġistrati f’istituzzjonijiet privati ma kinux Maltin (25.0 fil-mija), filwaqt li dawn ammontaw għal 21.1 fil-mija fl- istituzzjonijiet immexxija mill-Istat. Il-maġġoranza assoluta tal-istudenti rreġistrati f’istituzzjonijiet immexxija mill-Knisja kienu Maltin (99.0 fil-mija) (Tabella nru 8). Matul l-2022-2023, 63.5 fil-mija tal-istudenti mhux Maltin irreġistrati fl-edukazzjoni ta’ minn qabel il-primarja sas-sekondarja kienu ċittadini ta’ pajjiżi terzi (Tabella nru 9).

## Ċart nru 5. L-istudenti tas-sekondarja[1], bil-lingwa barranija[2] li kienu qed jitgħallmu u s-sena akkademika




[1] Tinkludi biss studenti ta’ mis-Seba’ sal-Ħdax-il Sena.

[2] Teskludi l-Malti u l-Ingliż (lingwi uffiċjali).

Nota: It-totali ma jgħoddux għat-total ta’ studenti tas-sekondarja minħabba li l-istudenti jistgħu jitgħallmu aktar minn lingwa barranija waħda, jew l-ebda lingwa.

Ħarsa lejn il-lingwi studjati mill-istudenti rreġistrati fil-livell sekondarju turi li t-Taljan kien l-aktar lingwa popolari, b’aktar minn nofs l-istudenti jitgħallmuha (54.5 fil-mija). Anqas minn kwart tgħallmu l-Franċiż (24.3 fil-mija), filwaqt li 15.2 fil-mija tgħallmu l-Ispanjol u 12.4 fil-mija tgħallmu l-Ġermaniż (Tabella nru 10; Ċart nru 5).